MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 30/2004

**Casapinta Design Group Ltd**

**vs**

**Emanuel Balzan**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ (Lm229.47) mitejn u disgha u ghoxrin lira maltin u sebgha u erbghin centezmu rappresentanti prezz ta’ materjal mibjugh, kif ukoll spejjes inkorsi mis-socjeta’ attrici u servizzi resi lill-konvenut in konnessjoni mal-‘Gozo Wedding Fair, 2003’ u dana skond fattura li ggib in-numru 8135.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 7 ta’ Jannar 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattiva kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz fl-14 t'April 2004;

Ra l-kapitoli pprezentati mill-attur fis-seduta tal-lum;

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx bla ma gab ebda raguni ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM229.47c prezz ta' materjal mibjugh, spejjez u servizzi resi mis-socjeta' attrici bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta' Jannar 2004 u bl-imghax legali mid-data tal-fattura relattivi sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------